**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 66**
**It-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**FAĊILITÀ YOURS - RESIDENTI**

**3701. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm residenti fil-facilità YOURS?

07/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta' residenti fil-faċilità YOURS huwa ta' disgħa (9).

Seduta 66
05/12/2022

**CHARGING POINTS LI KIENU JINTUŻAW MILL-KUMPANIJA GOTO**

**3702. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'se jsir miċ-charging points li kienu jintużaw mill-kumpanija GOTO li issa waqqfu l-operat tagħhom?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet fuq livell tekniku u legali. L-għan tal-Gvern hu li dawn f'forma jew oħra jibqgħu jintużaw għal karozzi elettriċi.

Seduta 66
05/12/2022

**MIŻURI TA' SIGURTÀ FIT-TOROQ**

**3703. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri se jieħu l-Gvern biex jonqsu l-fatalitajiet fit-toroq?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se jkun qed jitħabbar pjan komprensiv fil-jiem li ġejjin.

Seduta 66
05/12/2022

**CAR PARK ATTENDANTS - IMPJEGATI**

**3704. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm car park attendants impjegati jew liċenzjati u jelenka liema car parks pubbliċi jservu fihom?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm sitta u erbgħin car park attendant li huma illiċenzjati mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex iservu fis-siti ta' parkeġġ pubbliku elenkati fil-lista li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninsab ukoll infurmat illi dawn il-car park attendants mhumiex impjegati tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Seduta 66
05/12/2022

**MFSA - KUMPANIJI RREĠISTRATI**

**3705. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji reġistrati ġodda u liċenzjati mal-MFSA tul din is-sena?

07/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' liċenzji ġodda maħruġa f'2022 sal-aħħar ta' Ottubru huwa ta' 165. L-Awtorità tixtieq tinforma li kien hemm ukoll 200 liċenzja oħra fuq dawk il-165, li ġew awtorizzati b'mod permanenti skont ir-regolazzjoni ġdida ta' Corporate Service Providers għal total din is-sena ta' 365. Dawn il-200 liċenzja skont ir-regolament tal-Corporate Service Providers kienu diġà ġew irrapportati bħala liċenzji li kienu awtorizzati b'mod proviżorju f'2021.
Għar-rigward ta' kumpaniji reġistrati ġodda, din l-informazzjoni tista' tingħata mill-Malta Business Registry li hija awtonoma mill-MFSA.

Seduta 66
05/12/2022

**QRATI - ĠURIJIET**

**3706. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nies jistennew biex jgħaddu ġuri u kemm hemm ippjanati li jsiru minn issa sal-aħħar tal-2023?

07/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-22 ta' Novembru 2022 kien hemm 106 ġuri pendenti (130 akkużati b'kollox). Hemm 20 ġuri appuntat (24 akkużati b'kollox). Hemm 8 ġurijiet (bi 11-il akkużat) li mmaturaw riċentament u qed jistennew id-data tal-appuntament. It-78 ġurijiet pendenti l-oħra (95 akkużati b'kollox) għalissa ma jistgħux isiru għal diversi raġunijiet varji fosthom; minħabba proċeduri Kostituzzjonali, għax qegħdin jistennew kawżi oħra, għax għadhom fi stadju ta' eċċezzjonijiet preliminarji jew jistennew rapport minn espert psikjatriku.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – STRATEĠIJA TA' KOMUNIKAZZJONI INTERNA**

**3998. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 10*) kien li se tiġi implimentata strateġija ta' komunikazzjoni interna biex l-informazzjoni tiġi mtejba bejn is-sezzjonijiet kollha fil-Malta Police Force, jista' l-Ministru jgħid jekk din l-istrateġija ta' komunikazzjoni interna bdietx tinħadem? Jista' jgħid x'inhi eżattament din l-istrateġija u kif ġiet imtejba s-sistema interna ta' komunikazzjoni?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru 10, minn meta nbdiet l-istrateġija. il-komunikazzjoni interna fil-Korp ġiet estiża u mtejba bl-uzu tat-tlett metodi elettronici principali u cioe' l-email, l-extranet u kif ukoll bl-introduzzjoni ta' group networking website tal-Facebook għal uzu tal-membri tal-korp kollu. L-email jintuża għal-bdil ta'messaggi u tippermetti t-tixrid ta' nformazzjoni importanti, li tinkludi diversi avviżi u sejħiet għal-applikazzjonijiet fost kominikazzjonijiet elettonici oħra. L-extranet hija sors li permezz tagħha tinħareġ informazzjoni relatata ma l-attivitajiet tal-korp u iktar min hekk tintuza relattivament regulari, għax hija sistema fejn membri tal-korp jsibu dettalji u materjal għal skop ta' referenza, konness max-xogħol tagħhom. Is-sistema tinkludi facilita ta' tfittxija għall-dokumenti li jintuzaw kuljum għal-uzu tal-istess membri, imma tgħin ukoll biex testendi servizz aħjar lill-komunita. Il-Facebook group huwa netwerk socjali flessibli, uzat min membri tal-Korp li permezz ta' messaġġi jiddiskutu materja relatata max-xogħol u esperjenzi tagħhom, fost possibiltajiet oħra. Il-komunikazjoni nterna ssaħħet ukoll bl-introduzzjoni ta'gażżetta diġitali interna li tiġi ccirkulata kull xahar. Issaħħet bl-introduzzjoni ta' Standard Operating Procedures li jinħarrġu eletronikament regularment u li permezz tagħhom jiġi spjegat il-process ta' diversi proceduri li l-ufficcjali jridu josservaw, pass

wara pass. Dawn il-mezzi u oħrajn ssostitwew metodi tal-passat, fejn numru ta' komunikazzjonijiet kienu jsiru manwalment permezz ta' stampar fuq karti u mhux diġitali, barra li ziedu il-possibilita u ħolqu iktar opportunitajiet biex l-ufficcjali tal-korp fi gradi kollha jsemmu aktar leħinhom u jippartecipaw, fil-bidla li għaddej minnha il-korp bħalissa. It-titjib ser ikompli fis-snin li ġejjin.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – TRANSFORMATION AND CHANGE MANAGEMENT UNIT**

**3999. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'rabta mal-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025 - Objective 10*, jista' l-Ministru jgħid jekk it-"transformation and change management unit" ġietx imwaqqfa fi ħdan il-Malta Police Force? Jekk iva, meta u min imexxi din il-unit?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Uffiċċju tat-trasformazzjoni u l-immaniġġar tal-bidla ġie mwaqqaf f'Settembru tas-sena 2020. L-uffiċċju li huwa taħt ir-responsabilità tad-Direttur tal-Istrateġija u Trasformazzjoni, huwa ġestit ukoll minn żewġ spetturi, li lkoll joperaw id-direzzjoni u linji gwida maħruġa direttament mid-Direttur Ġenerali Strategy and Support u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – PERFORMANCE APPRAISALS**

**4000. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 11*) kien li jiġu stabbiliti numru ta' kriterji biex il-pulizija jifhmu aħjar kif huma għandhom jaħdmu fil-Korp, u peress li ntqal ukoll li s-sistema ta' "performance management" se tiġi riveduta u mtejba u kull membru jagħmel performance appraisal fejn huwa jiġi evalwat u dokumentat kemm qed jaħdem sew, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-performance appraisals ġewx riveduti? Jekk iva, meta? Xi nbidel fir-realtà?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru ħdax tal-istrateġija, relatat mar-reviżjonijiet fil-performance appraisals li jsiru, il-Korp jinsab għaddej b'din ir-reviżjoni. Saru numru ta' laqgħat mal-People & Standards Division, sabiex il-pjattaforma diġitali li tintuża fiċ-Ċivil tkun tista' tibda titħaddem fil-Korp, b'rekwiżiti partikolari liema rekwiżiti ser ikunu bbażati fuq il-Competency Values Framework li wkoll jinsab fl-aħħar fażi biex ikun konkluż.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – INTERNAL AUDIT AND INVESTIGATIONS UNIT**

**4001. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 11*) kien li jkun hemm reviżjoni fil-proċeduri ta' dixxiplina b'rabta mas-sistema ta' performance management, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Internal Audit and Investigations Unit ġietx imwaqfa u jekk iva, meta bdiet taħdem u min huma l-membri ta' din il-unit?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi għall-għan numru 11 ta' l-istrateġija , l-Internal Audit Investigations Unit ġie mwaqqaf. Dan id-Dipartiment huwa ffurmat minn żewġ taqsimiet, l-Uffiċċju tal-Internal Audit u l-Uffiċċju tal-Professional Standards li jimmaniġġaw l-awditjar u investigazzjonijiet interni rispettivament. L-Internal Audit Office twaqqaf f'Mejju tas-sena 2021 u huwa ġestit minn Awditur li jmexxi s-sezzjoni, assistit minn żewġ spetturi u kuntistabbli. L-Uffiċċju tal-Professional Standards twaqqaf f'Awwissu tas-sena 2020 u huwa preżentement ġestit minn Suprentendent, żewġ spetturi, – sitt surġenti maġġuri u żewġ kuntistabbli.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 – PROMOZZJONIJIET**

**4002. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fil-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* intqal li wieħed mill-objettivi strateġiċi (*Objective 11*) kien li ser titħaddem gwida ġdida fejn membru fil-Malta Police Force jkun promoss skont il-ħila tiegħu, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-proċeduri ġodda ta' promozzjonijiet ġewx implimentati? Jista' jgħid b'mod konkret xi nbidel?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dwar l-għan numru ħdax tal-istrateġija, li jikkonċerna promozzjonijiet ibbażati fuq il-ħila, il-Korp huwa kommess li jara li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi tiegħu u dan iseħħ biss jekk il-promozzjonijiet jinħarġu fuq il-bażi ta' ħila. Intant, il-Korp qed jara li regolarment joħrog sejħiet għal-promozzjoni fi gradi ta' surġenti u spetturi, tant li mill-aħħar tas-sena 2020 sal-lum, ħarġu sejħiet relatati kull sena. Dawn is-sejħiet qegħdin jinħarġu b'rekwiżiti speċifiċi, u fiż-żewġ istanzi il-proċess ta' għażla, jinkludi eżamijiet li wieħed irid jgħaddi minnhom qabel jipproċedi għal pass ta' selezzjoni li jkun imiss. Fi kwalunkwe każ, l-aħħar pass qabel il-kandidati jipproċedu bit-taħriġ għal-promozzjoni, jkun jinkludi intervista fejn l-applikant jiġi assessjat minn bord intern. Fejn jikkonċerna r-rank ta' surġent, il-Korp introduċa l-physical efficiency test. Fir-rigward tas-sejħiet għal spetturi ġew introdotti kemm General Ability Test (GAT) kif ukoll preżentazzjoni qasira ta' ħames minuti li tiġi preparata mill-applikanti, u preżentata waqt l-intervista.

Fil-każ ta' promozzjonijiet għal gradi għola fil-korp, partikolarment fil-kariga ta' Assistent Kummisarju u Deputat Kummissarju, il-kandidati qed jiġu mitluba jissottomettu pjan ta' azzjoni mifrux fuq medda ta' tliet (3) snin li abbażi tiegħu, ikun jista' jiġi assessjat il-kandidat u il-potenzjal tiegħu għal dik il-kariga. Dan huwa proċess kontinwu u bħalma diga ntqal fi tweġibiet oħra, ser jibda proċess li jevalwa t-taħriġ offrut biex iwassal għall-promozzjonijiet fid-diversi gradi tal-Korp.

Seduta 66
05/12/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – TRANSFERS**

**4004. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif qed isiru t-transfers fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u jekk hemmx xi policy dwar kif dawn it-transfers isiru? Jekk hemm policy, jista' jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

14/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi rigward il-proċess ta' kif isiru t-transfers fil-Korp, f'Novembru tas-sena 2020, xahrejn wara li ġiet imnedija l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni 2020-2025, il-Korp ippubblika Horizontal Movement Policy li tirregola l-mod kif jiġi proċessat transfer fl-istess Korp.

Permezz ta' din il-Policy, il-Korp qed jopera proċess ta' trasferiment ġust u imparzjali għall-gradi u l-pożizzjonijiet kollha fid-dipartiment, fejn il-preferenzi individwali tal-impjegati jiġu akkomodati jekk dan ikun possibbli, filwaqt li jiġi aċċertat l-aħjar interess tad-dipartiment.

Illum il-postijiet vakanti interni li jkun hemm fil-Korp jimtlew wara l-ħruġ ta' applikazzjonijiet għall-istess postijiet. Dawn jiġu segwiti minn proċess ġust ta' għażla u trasparenza, bir-riżultati jiġu kkomunikati lill-

kandidati qabel l-għażla issir uffiċjali. Xhieda ta' dan huwa rifless fl-erbgħa u erbgħin (44) sejħa li saret matul is-sena 2021 u t-tlieta u erbgħin (43) sejħa ta' din is-sena.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX – SHEEP FARMS**

**4074. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għal bini jew estensjoni ta' sheep farms jew inkella bdil ta' użu għal sheep farms ġewwa Għawdex fl-aħħar seba' snin? Jista' jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, kemm minnhom ġew rifjutati u kemm minnhom għadhom pendenti?

16/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru totali ta' applikazzjonijiet sottomessi bejn l-1 ta' Jannar 2015 u s-16 ta' Novembru 2022 relatati ma' bini, estenzjonijiet u bdil fl-użu ta' 'sheep farms' ġewwa Għawdex jammontaw għal 71, liema minnhom 30 ġew approvati, 12 ma ġewx approvati, 21 għadom pendenti u 8 rtirati.

Seduta 66
05/12/2022

**DIRETTIVA (UE) NRU. 2020/1828 – BDIL LEĠIŻLATTIV**

**4085. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-konsultazzjoni pubblika li ħarġet fil-11 ta' Novembru, 2022 dwar il-bdil leġiżlattiv li qed jiġi propost biex tiġi trasposta d-Direttiva (UE) Numru 2020/1828, tista' l-Ministru tgħid għalfejn għal finijiet tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, qed jiġi propost li dan isir tramite Att ġdid imsejjaħ l-Att tal-2022 dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi minflok li jiġi meqjus li t-traspożizzjoni ssir tramite emendi għall-Att dwar Proċedimenti Kollettivi, Kap. 520 – liġi fejn diġà hemm il-qafas għax-xorta ta' azzjonijiet kontemplati fl-imsemmija Direttiva?

16/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-għan ewlieni tad-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi (EU/2020/1828) huwa li jiġi żgurat li f'kull Stat Membru jkun hemm mekkaniżmu proċedurali effettiv u effiċjenti għal azzjonijiet rappreżentattivi u tapplika għal ksur domestiku u anke transkonfinali tal-leġiżlazzjonijiet imsemmija fl-Anness tad-Direttiva. Għaldaqstant din id-Direttiva tittratta speċifikament azzjonijiet rappreżentattivi mressqa minn konsumaturi, u ma tinkludix fiha l-liġi tal-kompetizzjoni.
Fid-dawl tal-premess, u anke peress li l-Att dwar il-Proċedimenti Kollettivi (Kap. 520) japplika wkoll għal proċeduri istitwiti minn 'Korpi Kostitwiti' li ma jirrappreżentawx konsumaturi, id-Direttiva ġiet trasposta f'Att separat u ġdid, u l-Kap. 520 jibqa' fis-seħħ, iżda ħa jibqa' japplika biss għall-Att dwar il-Kompetizzjoni.

Seduta 66
05/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRETTURI ĠENERALI, DIRETTURI U ASSISTENTI DIRETTURI**

**4086. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Diretturi Ġenerali, Diretturi u Assistenti Diretturi fil-Ministeru għal Għawdex sena b' sena min Marzu 2012 sal-lum? X'inhu x-xogħol ta' kull wieħed minn dawn? Jista' jgħid ukoll jekk fl-aħħar ġimgħat inħarġux calls biex jiżdiedu d-Diretturi jew Assistenti Diretturi? Jekk iva, għaliex inħasset il-ħtieġa li jkomplu jiżdiedu?

16/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3713.

Seduta 66
05/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦATRA TA' BORDIJIET TAL-GĦAŻLA GĦALL-POŻIZZJONIJIET VAKANTI**

**4087. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid mit-3 ta' Ġunju 2017 sal-lum, kemm inħatru Bordijiet tal-Għażla għall-postijiet/pożizzjonijiet vakanti fil-Ministeru tiegħu u fl-entitajiet li jaqgħu taħtu? X'kien il-post/pożizzjoni vakanti li għalih inħatar kull Bord tal-Għażla? Min kienu ċ-Chairperson u l-membri ta' kull bord maħtur? Kemm kienet l-ispiża globali fi flus li tħallset għall-membri tal-bordijiet sena b' sena mit-3 ta' Ġunju, 2017 sal-lum?

16/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-PQ2839.

Rigward l-ispiża globali fi flus li tħallsu l-membri tal-bordijiet, ngħarrfu li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX – MANUTENZJONIJIET FL-ISKEJJEL**

**4088. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3647 u jgħid matul is-sena 2022 sal-lum kemm kienet in-nefqa:

a. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja ta' Kerċem;
b. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ;
ċ. fuq it-tisbiħ u modernizzar tal-Iskola Primarja tal-Għarb;
d. fuq it-tisbiħ ta' diversi faċċati ta' diversi skejjel f'Għawdex?

F'kull każ, jista' jagħti data meta se jkun lest ix-xogħol?

16/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**TENDER IMT007/2022 'TENDER FOR THE PROVISION OF AN HVSC AND LVSC ONSHORE POWER SUPPLY (OPS) SYSTEM IN THE SOUTH HARBOUR REGION AND LASCARIS WHARF, GRAND HARBOUR, PORT OF VALLETTA MALTA'**

**4089. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B' referenza għat-Tender IMT007/2022 '*Tender for the Provision of an HVSC and LVSC Onshore Power Supply (OPS) system in the South Harbour Region and Lascaris Wharf, Grand Harbour, Port of Valletta Malta',* jista' l-Ministru jgħid minn min huma fformati ż-żewġ Consortium (isem il-kumpaniji, jew persuni) li ssottomettew (ibbiddjaw) għal din l-imsemmija tender?

16/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx consortia li tefgħu offerti fit-tender indikat minnu.
Seduta 66
05/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR, MELLIEĦA, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI U TISBIĦ**

**4120. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3831, jista' l-Ministru jagħti tweġiba skont kif mitlub, jiġifieri kemm intefqu flus f'riġenerazzjoni u tisbiħ ġewwa l-Mellieħa bejn Jannar 2021 u Settembru 2021 u liema kienu; kemm intefqu flus f'riġenerazzjoni u tisbiħ ġewwa San Pawl il-Baħar u liema kienu; kemm intefqu flus f'riġenerazzjoni u tisbiħ ġewwa San Ġiljan u liema proġetti; u kemm intefqu flus f'riġenerazzjoni u tisbiħ ġewwa Tas-Sliema u liema proġetti kienu?

17/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru dawn ix-xogħlijiet:
Mellieħa - xogħol relatat ma' tiswija u upkeep taż-żona, inkluż l-Għadira, b'koordinament mal-Kunsill Lokali, kif ukoll xogħol fil-promenade tal-Għadira u fil-Pjazza tal-Mellieħa. Dawn ix-xogħlijiet jammontaw għal kważi €47,900.
San Pawl il-Baħar - xogħol relatat ma' tiswija u upkeep taż-żona, inkluż interventi fil-promenade tax-Xemxija, b'koordinament mal-Kunsill Lokali; xogħlijiet relatati mal-Ġnien fi Triq il-Knisja, u servizzi fil-Pjazza ta' Buġibba. Dawn jammontaw għal ftit iktar minn €578,000.
San Ġiljan - xogħol relatat ma' tiswija u upkeep taż-żona b'koordinament mal-Kunsill Lokali; xogħlijiet f'Xatt is-Sajjieda u r-restawr tal-arloġġ - €22,500.
Tas-Sliema - xogħol relatat ma' tiswija u upkeep taż-żona, inkluż il-promenade tax-Xemxija, b'koordinament mal-Kunsill Lokali - €10,000.

Seduta 66
05/12/2022

**SAN ĠILJAN - SPINOLA – PJAN TA' RIĠENERAZZJONI**

**4121. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3832, fejn il-Minsitru wieġeb li x-xogħlijiet ser "jibdew fix-xhur li ġejjin", jista' l-Ministru jagħti timeline ta' meta huma dawn ix-xhur li ġejjin? Jaf li b'dan id-dewmien diversi sidien ta' stabbilimenti tal-madwar iħossuhom anzjużi u ma jistgħux jippjanaw in-negozju tagħhom minħabba x-xogħlijiet previsti?

17/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3832, ninfurmah li l-proġett ta' Spinola ser jibda minn Triq Paceville.

Seduta 66
05/12/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA**

**4122. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3834, fejn il-Ministru qal li l-Palazzo Spinola ser jingħata lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Ewropej u l-Kummerċ b'mod temporanju biex jintuża bħala uffiċċji minħabba xi xogħlijiet li ser ikun hemm f'dan il-Ministeru, jista' l-Ministru jgħid jekk jafx li f'dan il-Palazz hemm applikazzjoni PA02310/20 li l-għan tagħha huwa "replacement of dangerous roof to outbuilding and render same accessible to all"? Jaf il-Ministru li jekk isir kif intqal fir-risposta, ser jesponi lill-ħaddiema tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranini għall-periklu?

17/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet qiegħda f'diskussjonijiet mal-Ministeru kkonċernat sabiex isiru x-xogħlijiet kollha neċessarji fil-Palazz ta' Spinola qabel dan jibda jintuża.Għal aktar dettalji dwar il-pjan tax-xogħlijiet, il-mistoqsija għandha ssir lill-Ministru kkonċernat.
Seduta 66
05/12/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA – XOGĦOL TA' RESTAWR**

**4123. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3835, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda x-xogħol ta' restawr tas-saqaf u tal-faċċata tal-Palazzo Spinola skont l-applikazzjoni PA02310/20?

17/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4122

Seduta 66
05/12/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA – ENCROACHMENT**

**4124. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3836, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-encroachment u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu hekk kif kien mitlub jagħmel?

17/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalma diġà elenkajt f'risposti passati, l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Madankollu fil-bord tal-Awtorità tal-Artijiet hemm Membru Parlamentari maħtur mill-Oppożizzjoni li qed jingħatalha ċ-cans li tara hi personalment id-dokumenti mitluba.

Seduta 66
05/12/2022

**SAN ĠILJAN – PALAZZO SPINOLA – TALBA MILL-KUNSILL LOKALI**

**4125. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3827, jista' l-Ministru jgħid għaliex ma ġiet l-ebda risposta uffiċjali għat-talba tal-Kunsill Lokali San Ġiljan li talab li Palazzo Spinola jingħata lill-Kunsill bħala community centre? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din ir-risposta ?

17/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**NOISE CONTROL COMMISSION – PROBLEMA TA' NOISE POLLUTION**

**4271. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx xi persuna/i jew kummissjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kwistjonijiet ġenerali relatati mal-istorbju, peress illi n-Noise Control Commission m'għadhiex topera u allura m'għadhiex taqdi din il-funzjoni? Tista' tgħid jekk in-Noise Control Commission kellhiex il-funzjoni li tiffinalizza u tipproponi qafas leġiżlattiv sabiex tiġi regolata l-problema ta' noise pollution?

22/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-Mistoqsijiet Parlamentari 2258, 2915 u 3178.

Seduta 66
05/12/2022

**PROBLEMA TA' NOISE POLLUTION**

**4272. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għandux ħsieb li jipproponi qafas leġiżlattiv sabiex tiġi regolata l-problema ta' noise pollution b'mod ħolistiku?

22/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt għall-Mistoqsijiet Parlamentari 2258 u 3178.

Seduta 66
05/12/2022

**ŻEJTUN – BERĠA TAS-SAĦĦA – SERVIZZI PPROVDUTI**

**4296. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni attendew għas-servizz provdut fil-Berġa tas-Saħħa taż-Żejtun tul din is-sena 2022? Jista' jgħid x'servizzi mediċi ġew provduti u possibbilment jindika f'liema ġranet ser tkun miftuħa tul is-sena li ġejja?

22/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-bidu ta' din is-sena sal-21/11/2022, kien hemm 3,800 persuna li attendew għas-servizz provdutfil-Klinika tal-Komunità taż-Żejtun. Is-servizzi provduti huma ta' Tabib, Infermiera, Fiżjoterapija, Patoloġija tad-Diskors, Podjatrija, Saħħa Mentali u Nutrizzjonista.

Seduta 66
05/12/2022

**MARSAXLOKK – BERĠA TAS-SAĦĦA – SERVIZZI PPROVDUTI**

**4297. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni attendew għas-servizz provdut fil-Berġa tas-Saħħa ta' Marsaxlokk tul din is-sena 2022? Jista' jgħid x'servizzi mediċi ġew provduti u possibbilment jindika f'liema ġranet ser tkun miftuħa tul is-sena li ġejja?

22/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-bidu ta' din is-sena sal-21/11/2022, kien hemm 9,670 persuna li attendew għas-servizz provdut fil-Klinika tal-Komunità ta' Marsaxlokk. Is-servizzi provduti huma ta' Tabib, Infermiera, Fiżjoterapija, Patoloġija tad-Diskors, Podjatrija, Saħħa Mentali, Nutrizzjonista u Flebotomija.

Seduta 66
05/12/2022

**WIED IL-GĦAJN – BERĠA TAS-SAĦĦA – SERVIZZI PPROVDUTI**

**4298. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni attendew għas-servizz provdut fil-Berġa tas-Saħħa ta' Wied il-Għajn tul din is-sena 2022? Jista' jgħid x'servizzi mediċi ġew provduti u possibbilment jindika f'liema ġranet ser tkun miftuħa tul is-sena li ġejja?

22/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-11/03/2022 sal-21/11/2022 kien hemm 1,612-il persuna li attendew għas-servizz provdut fil-Klinika tal-Komunità ta' Marsaskala. Is-servizzi provduti huma ta' Tabib, Infermiera, Patoloġija tad-Diskors, Podjatrija, Fiżjoterapija u Flebotomija.

Seduta 66
05/12/2022

**ŻEJTUN – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4299. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità taż-Żejtun? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għaż-Żejtun, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' mitejn u tmienja u sittin (268) li minnhom mija u tmienja (108) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum, in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' tlieta u għoxrin każ. L-investigazzjonijiet għal kull rapport qed ikomplu.

Seduta 66
05/12/2022

**ĦAL GĦAXAQ – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4300. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Ħal Għaxaq, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' sebgħa u tmenin (87) li minnhom tlieta u għoxrin (23) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' seba' każi. L-investigazzjonijiet għal kull rapport qed ikomplu.

Seduta 66
05/12/2022

**WIED IL-GĦAJN – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4301. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Wied il-Għajn? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Wied il-Għajn, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' mitejn u sitta u sebgħin (276) li minnhom sebgħin (70) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' tmienja u għoxrin każ. L-investigazzjonijiet għal kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 66
05/12/2022

**MTA – TOURIST INFORMATION POINTS**

**4418. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm-il uffiċċju ta' informazzjoni għat-turisti jew tourist information points għandha l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew il-Ministeru? F'liema lokalitajiet jinsabu dawn? X'inhuma l-ħinijiet ta' ftuħ għal kull każ?

24/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba hija pubblika u tinsab fuq il-website tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fuq:
https://www.visitmalta.com/en/info/tourist-information-offices/

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-webpage.

Seduta 66
05/12/2022

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**4437. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1242, peress li huwa evidenti li s-servizz ċirkolari b'vetturi tat-trasport pubbliku minn u lejn iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq biex tiġi evitata konġestjoni fil-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq falla, jista' l-Ministru jara li jerġa' jiġi kkunsidrat il-bini ta' multi-level parking f'Wied iż-Żurrieq fl-istess post fejn illum hemm il-parkeġġ?

24/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellat illi l-Awtorita tat-Trasport u l-Infrastructure Malta qegħdin f'diskussjonijiet biex jiġu ndirizzati l-issues li hemm f'din iż-żona.

Seduta 66
05/12/2022

**WIED IŻ-ŻURRIEQ - MULTI-LEVEL PARKING**

**4438. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 1241 u 18572 tal-Leġiżlatura XIII fejn il-Ministru kellu jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir multi-level parking fil-parkeġġ eżistenti ta' Wied iż-Żurrieq, peress li preżentement fil-maġġor parti tiegħu l-ispazju hu riservat għal coaches, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-testijiet u r-rapporti ġeoloġiċi li saru mill-Gvern fiż-żona biex jissostanzja dak li qal fir-risposti tiegħu? Jistgħu fil-frattemp jiġu identifikati żoni oħra f'Wied iż-Żurrieq stess, li fihom jistgħu jiġu pprovduti tali parkeġġi biex fin-nuqqas ta' turisti li ġejjin minn barra l-pajjiż, aktar Maltin iżuru dan il-post turistiku sakemm isir dan il-multi-level parking?

24/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li ninsab konvint li l-Onor. Interpellant huwa familjari maż-żoni ristretti ta' Wied iż-Żurrieq, nerġa' nfakkru li, kif diġà ġie mwieġeb fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 18572 tal-Leġiżlatura XII, l-art imsemmija tinsab f'żona ODZ u għaldaqstant mhux permess żvilupp ta' dan it-tip.
Seduta 66

05/12/2022

**PROĠETTI PPJANATI FIN-NAĦA TA' ISFEL TA' MALTA**

**4439. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari nri 1233, 1234, 1235, 1236, 1237 u 1239 dwar xi proġetti hemm ippjanati f'Ħal Luqa, Ħal Safi, Ħal Kirkop, l-Imqabba u l-Qrendi biex jattiraw aktar turisti lejn in-naħa t'isfel ta' Malta l-Ministru qal li ser ikun qed jitħejja pjan *ai termini* tal-Istrateġija Maltija għat-Turiżmu sabiex jiġi estiż il-brand footprint ta' Malta f'termini ta' turiżmu u b'hekk jiġu identifikati proġetti f'diversi żoni madwar il-pajjiż, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-pjan hux lest u meta ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra?

24/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1233, 1234, 1235, 1236, 1237 u 1239.

Seduta 66
05/12/2022

**IRZIEZET TAL-BAQAR TAL-ĦALIB LIĊENZJATI**

**4440. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 808, u jgħid kemm hawn irziezet liċenzjati tal-baqar tal-ħalib f'Malta kif ukoll f'Għawdex? F'liema lokalità jinsabu dawn l-irziezet? Kemm-il baqra hemm f'kull razzett? Kemm jipprovdu ħalib fix-xahar, razzett b'razzett, mill-2019 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Malta u f'Għawdex hawn 272 razzett li huwa reġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja biex iżomm il-bovini li minnhom 221 jinsabu f'Malta u 51 jinsabu f'Għawdex. Ħa npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi f'liema lokalità jinsabu dawn l-irziezet u l-ammont ta' baqar li hemm f'kull razzett. Dan id-Direttorat ma jkollux id-dettalji ta' kemm jiġi prodott ħalib f'Malta u Għawdex.

Seduta 66
05/12/2022

**KORSIJIET TA' VETERINARJI**

**4441. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 800 dwar in-nuqqas ta' veterinarji f'pajjiżna, speċjalment għall-bżonnijiet li jkollhom minn żmien għall-ieħor ir-raħħala, jista' l-Ministru jżomm mal-wegħda li għamel f'diversi diskorsi li għamel fil-Parlament u jara li anke jekk dawn mhux finanzjarjament vijabbli li jsiru f'pajjiżna, il-Gvern jikkontribwixxi finanzjarjament biex l-Università ta' Malta tibda tagħmel dawn il-korsijiet ta' veterinarji hawn Malta stess? Meta dawn il-korsijiet ta' veterinarji ser jibdew isiru hawn Malta? Meta l-istudenti interessati ser ikunu jistgħu japplikaw biex jibdew jattendu dawn il-korsijiet?

24/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nikkonferma r-risposta li diġà ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 800 u ma hemmx xi nżid ma' din it-twegiba. Għal aktar dettalji, din il-mistoqsija għandha tiġi referuta lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI - STO**

**4442. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi talbiet lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) biex ikun hemm eżenzjoni milli jiġi ingaġġat STO biex jissorvelja x-xogħol (skont Form 25B) hekk kif definit fil-'provis' ta' regolament numru 25 tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat) peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari numru 798 u 786 din l-informazzjoni ma ngħatatx?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx tali *provis* taħt ir-regolament numru 25 tal-L.S. 623.06.

Seduta 66
05/12/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – AUDIT REPORT**

**4449. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3756, peress li għall-kuntrarju tat-tweġiba tal-Ministru, l-aktar audit report reċenti li wieħed jista' jaċċessa huwa dak li kien ippubblikat fit-13 ta' Lulju 2021, u li sar bejn it-13 u l-15 t'Ottubru 2020 hekk kif indikat fl-istess rapport, jista' l-Ministru jgħid jekk din is-sena sarx proċess ta' awditjar lill-American University of Malta (AUM) sabiex f'Awwissu din kellha l-liċenzja mġedda għal ħames snin oħra, liema estensjoni tal-liċenzja kienet ikkonfermata mill-Ministru stess fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2680?.

25/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3756, dik ir-risposta hi korretta fejn l-Institutional Audit, li abbażi tiegħu toħroġ il-liċenzja, kien u għadu jinsab online.

Seduta 66
05/12/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KAŻ LI ILU PENDENTI SEBA' SNIN**

**4450. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-każ li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, li ilu seba' snin pendenti u li l-unika tweġiba dwaru li waslet mill-Awtorità tal-Artijiet hija li l-verifika għadha għaddejja minħabba li ż-żona hija vasta u kkumplikata, jista' l-Ministru jispjega dak li huwa mfisser bil-frażi "vasta u kkumplikata"? Peress li dan il-każ ilu pendenti għal seba' snin, jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni dwar meta se jissolva?

25/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-art inkwistjoni qiegħda fl-aħħar stadji ta' reġistrazzjoni.

Seduta 66
05/12/2022

**GRUPP DWAR L-OPERAT TAL-FIAU – ĦLAS LILL-ESPERTI MAĦTURA**

**4477. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4051, jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu l-esperti li ġew magħżula għall-grupp li twaqqaf madwar sentejn ilu, magħmul minn numru ta' esperti, dwar l-operat fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

25/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija f'PQ 4049.

Seduta 66
05/12/2022

**OMIĊIDJU - RAPPORTI FL-GĦASES MILL-VITTMA**

**4478. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-omiċidju li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatment li seħħ fit-22 ta Novembru 2022 ġewwa Kordin, jista' l-Ministru:
a. jagħti d-dati tar-rapporti li saru mill-vittma f'dawn l-aħħar sentejn, f'liema għassa saru dawn ir-rapporti u x'passi ttieħdu fuq kull wieħed minn dawn ir-rapporti;
b. jgħid min kien responsabbli li jinvestiga u jmexxi 'l quddiem kull rapport li sar mill-vittma u/jew minn qraba tagħha; u
ċ. jgħid x'passi ttieħdu fuq l-allegat rapport li sar nhar it-Tnejn, 21 ta Novembru 2022?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra numru 943 fis-Seduta Numru 60 tat-23 ta' Novembru 2022.

Seduta 66
05/12/2022

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT – TWISSIJA, MULTI, ĦABS SOSPIŻ**

**4499. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm missirijiet u ommijiet effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(ll), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi jew ħabs sospiż matul is-sena 2021?

28/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**4500. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm missirijiet u ommijiet effettivament intbagħtu l-ħabs wara li nstabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(ll), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri matul is-sena 2021?

28/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**4501. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu rapporti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol lill-Pulizija minn Jannar 2022 sa Ottubru 2022? Kemm minn dawn ir-rapporti saru minn nisa u kemm minn irġiel? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet ittellgħu l-Qorti? F'kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet li ttellgħu l-qorti l-perpetrator instab ħati?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport rreġistrati mal-Pulizija, minn persuni li sfaw vittmi ta' fastidju sesswali fuq il-post tax xogħol fil-perjodu ta' bejn l-ewwel ta' Jannar u l-aħħar ta' Ottubru 2022, kien ta' sebgħa. Fil-każijiet kollha l-vittmi kienu femminili. F'sitta minn dawn il-każi, il-persuni suspettati tressqu jew qegħdin fil-proċess li jitressqu l-Qorti. Każ wieħed għadu qed jiġi investigat. Fuq l-ebda każ għadha ma ngħatat sentenza.

Seduta 66
05/12/2022

**RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**4502. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu rapporti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol lill-Pulizija fis-sena 2021? Kemm minn dawn ir-rapporti saru minn nisa u kemm minn irġiel? Kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet ittellgħu l-Qorti? F'kemm minn dawn ir-rapporti/każijiet li ttellgħu l-qorti l-perpetrator instab ħati?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**
Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapporti rreġistrati mal-Pulizija, minn persuni li sfaw vittmi ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol matul is-sena 2021, kien ta' tmienja (8). F'sebgħa (7) każi l-vittmi kienu femminili u f'każ ieħor il-vittma kien raġel. F'erbgħa minn dawn il-każi, il-persuni suspettati tressqu l-Qorti. Minnhom kien hemm każ fejn is-suspettat ġie lliberat. F'każ ieħor is-suspettat instab ħati u f'żewġ każi l-proċedimenti għadhom għaddejjin.

Seduta 66
05/12/2022

**DIPARTIMENT TAL-GVERN – ASSISTENTI DIRETTURI**

**4503. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kif il-Gvern wasal għad-deċiżjoni fejn f'Dipartiment partikolari tal-Gvern ikun hemm biss Assistent Direttur wieħed minflok tlieta kif kien hemm qabel ma' kull Direttur? Jekk qabel f'Dipartiment kien hemm tliet Assistenti Diretturi li jaħdmu flimkien ma' Direttur wieħed u issa jirriżulta li hemm Assistent Direttur wieħed, min sejjer jagħmel ix-xogħol li kienu jagħmlu ż-żewġ Diretturi l-oħra fid-Dipartiment?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jiċċara aktar fid-dettall il-mistoqsija tiegħu.

Seduta 66
05/12/2022

**ĦADDIEMA FIL-GENERAL SERVICE GRADES**

**4504. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm daħlu jaħdmu ħaddiema fil-General Service Grades bħala Assistant Manager, Manager 1, Manager 2 u Senior Manager?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jiċċara aktar fid-dettall il-mistoqsija tiegħu.

Seduta 66
05/12/2022

**TA' XBIEX – MARINA - TISWIJIET**

**4505. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsiru t-tiswijiet neċessarji fuq il-funtana ġewwa l-marina ta' Ta' Xbiex, li ilha snin bil-ħsara?

28/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li l-ħsara qed tiġi spezzjonata minn aspett tekniku sabiex isiru x-xogħlijiet kollha meħtieġa.

Seduta 66
05/12/2022

**SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA GENERAL SERVICE GRADE U DEPARTMENTAL GRADE**

**4506. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk ħaddiem li qiegħed f'General Service Grade fuq l-istess skala tas-salarju ta' ħaddiem li għandu Departmental Grade, jistax imexxi u jawtorizza lil dan tal-aħħar jekk it-tnejn li huma jaħdmu fl-istess uffiċċju? Jista' jgħid kemm hemm sitwazzjonijiet ta' ħaddiema b'Departmental Grade li qegħdin jaħdmu f'din is-sitwazzjoni fid-Dipartimenti tal-Gvern, fis-Servizz Pubbliku? Ladarba din hija inġustizzja, il-Gvern se jkun qiegħed jindirizzaha? X'miżuri se jittieħdu biex dawn is-sitwazzjonijiet jieqfu?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jiċċara aktar fid-dettall il-mistoqsija tiegħu.

Seduta 66
05/12/2022

**ŻONI TURISTIĊI - TINDIF**

**4507. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-inizjattivi li ttieħdu bejn Jannar u Ottubru ta' din is-sena b'konnessjoni ma' servizzi ta' tindif f'żoni turistiċi?

28/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni taħdem bla waqfien matul is-sena kollha. Fil-fatt, id-Diviżjoni introduċiet ukoll xiftijiet differenti tal-operat tagħha, bl-għan li tlaħħaq mad-domanda ta' tindif li maż-żmien qiegħda aktar tikber.
Matul is-sena, f'żoni turistiċi sar xogħol ta' rutina fosthom knis u ħasil tat-toroq, tbattil tal-bins, ħasil ta' tabelli u sinjali tat-traffiku, tindif ta' żoni pedonali u spazji miftuħa, tindif u upkeep ta' latrini pubbliċi, tindif tal-culverts, tneħħija ta' skart mormi illegalment, manutenzjoni u tiswijiet ta' ħitan li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali, qtugħ ta' ħaxix ħażin, ġbir ta' annimali mejta, servizz ta' emerġenza, fosthom tindif wara inċidenti tat-traffiku u żjut fl-art u tindif wara maltempati, fosthom tneħħija ta' ġebel, siġar, ramel u materjal ieħor li jkun ta' periklu għan-nies. Barra minn hekk, matul is-sajf jintensifika t-tindif fil-bajjiet prinċipali, fejn apparti li jitnaddfu kuljum, il-bins jitbattlu tlett darbiet kuljum, kif ukoll isir manutenzjoni fuq għamara tal-baħar.

F'żoni turistiċi qed jintużaw ukoll id-Dry Ice Machine biex jitneħħa chewing gum, stickers u graffiti minn mal-ħitan. Introduċejna 7 Electric Pedestrian Sweepers li jitħaddmu b'sistema ta' vacuum li tiġbor ukoll skart irqiq. Investejna madwar €250,000 f'9 Sand Sifters li jintużaw fuq il-bajjiet prinċipali. Dawn il-magni jgħarblu r-ramel sa 6 pulzieri l-isfel mill-wiċċ u jneħħu l-iskart fin li jispiċċa fir-ramel. Ta' min jgħid, li l-għarbiel tar-ramel iżid il-kwalità u s-servizz li jiġi offrut lill-pubbliku f'dak li jirrigwardja t-tindif tal-bajjiet, speċjalment dawk li għandhom status ta' Blue Flag.

Seduta 66
05/12/2022

**INVESTIMENT FIS-SERVIZZI TA' TINDIF**

**4508. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'investimenti saru bejn Jannar u Ottubru ta' din is-sena f'servizzi ta' tindif sabiex il-prodott ikompli jittejjeb?

28/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din is-sena saru bosta investimenti fi ħdan id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni sabiex inkunu nistgħu nlaħħqu mad-domanda tax-xogħol tat-tindif, fosthom;
- Tejjibna s-servizz tal-Customer Care, fejn wieħed jista' jikkuntatja lid-Diviżjoni biex jgħaddi l-ilment tiegħu f'kull ħin tal-ġurnata, mit-Tnejn sal-Ħadd.
- Komplejna ntejbu l-mobile app Clean&Upkeep, fejn wieħed jista' jgħaddi l-ilment tiegħu permezz tal-mobile. Meta wieħed jgħaddi l-ilment permezz tal-mobileapp, jiġi rrikordjat il-coordinates ta' fejn hemm bżonn intervent ta' tindif, kif ukoll jistgħu jintbagħtu ritratti bid-dettalji.
- Sar investiment f'9 Sand Sifters (4 ride-on u 5 walk-behind), li jgħarblu r-ramel u jneħħu skart fin mir-ramel u huma bżonnjużi speċjalment għal bajjiet bi status ta' Blue Flag.
- Investejna f'7 Electric Pedestrian Sweepers, li jintużaw l-aktar f'pedestrian zones, ċentri kummerċjali u cycle lanes.
- Investejna fi proġett pilota ta' Solar Litter Compaction Bins, li jaħdmu b'sistema ta' pannelli solari u jikkompattaw l-iskart u għaldaqstant iżidu b'mod effettiv il-volum tal-bin sa 5-8 darbiet aktar. Id-Diviżjoni tirċievi notifikazzjoni meta bin ikun wasal biex jimtela u għandu bżonn jitbattal.
- Investejna wkoll f'Self Cleaning Automated Toilet, li huwa toilet awtomatizzat li huwa kapaċi jitnaddaf waħdu. Dan it-toilet ġie introdott bħala proġett pilota fil-Belt Valletta u qed isir studju sabiex jinstab l-iktar mudell effettiv biex in-numru ta' dawn il-latrini pubbliċi ġodda jiżdiedu fiż-żoni turistiċi.
- Investejna f'infurzar flimkien mal-LESA fejn jidħol rimi ta' skart illegali. Qed niddiskutu wkoll il-possibilità li jsir arranġament ieħor mal-ERA.
- Nedejna wkoll proġett pilota ma' 5 Kunsilli Lokali (Birżebbuga, Marsaxlokk, Żurrieq, Birkirkara u l-Belt Valletta), fejn qed nindirizzaw nuqqasijiet tal-kuntratturi imqabbda mill-Kunsilli Lokali, fosthom fi knis u tindif tat-toroq. Proġett li qed iwassal għal diversi talbiet minn Kunsilli Lokali oħrajn.

Seduta 66
05/12/2022

**ASSISTENZA FIS-SERVIZZ TA' KNIS TA' TOROQ**

**4509. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jaġġorna lil din il-Kamra dwar kif sejjer l-andament tal-proġett pilota ta' assistenza fis-servizzi ta' knis ta' toroq lil diversi Kunsilli Lokali? Hemm xi talbiet oħrajn minn kunsilli lokali oħra sabiex jissieħbu f'dan il-proġett?

28/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett pilota ta' assistenza fis-servizz ta' knis ta' toroq lil 5 Kunsilli Lokali ntlaqa' tajjeb ħafna, kemm mill-Kunsilli Lokali kkonċernati, kif ukoll mir-residenti. Dan il-proġett pilota ser iservi sabiex bħala Diviżjoni nassistu biex jiġu stabbiliti standards fl-indafa li jirriflettu l-bżonnijiet tal-lokalitajiet skont l-esiġenzi ta' kull lokalità.

Kienu bosta Kunsilli Lokali oħrajn li avviċinaw lid-Diviżjoni sabiex huma wkoll jissieħbu f'dan il-proġett li jirrigwardja assistenza ta' knis fit-toroq. Dawn it-talbiet qed jiġu evalwati sabiex naraw l-aħjar mod possibbli kif għandu jitqassam l-operat.

Seduta 66
05/12/2022

**CUSTOMER CARE TAD-DIVIŻJONI GĦAT-TINDIF U MANUTENZJONI**

**4510. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Peress li d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni għandha sezzjoni ta' Customer Care li l-pubbliku jfaħħar ħafna s-servizzi tagħha, jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ilmenti li rċeviet din id-diviżjoni matul din is-sena? Kemm minn dawn ġew solvuti?

28/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Jannar u Ottubru 2022, il-Customer Care fi ħdan id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni rċieva 10,200 ilment, fejn 97.11% ġew solvuti u 2.89% kienu jaqgħu taħt entità oħra u għaldaqstant għaddew għand l-entità kkonċernata.

Seduta 66
05/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – INĦAWI TAL-ĠEBEL, TAL-PAPA U TAL-QAJJENZA – QTUGĦ TA' DAWL**

**4511. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan ta' azzjoni ta' x'qed isir sabiex ma jibqax jinqata' d-dawl tat-toroq daqshekk spiss fl-inħawi tal-Ġebel, tal-Papa u tal-Qajjenza f'Birżebbuġa?

28/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta għamlet it-tiswijiet meħtieġa u l-elettriku f'ħafna minn dawn it-toroq reġa' nxtegħel.
L-Enemalta investigat il-problema li kien hemm f'din iż-żona. Jirriżulta li din kienet ġejja minn demarcation boxes li hemm mal-lampi li ma sarux mill-Enemalta imma saru minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill Lokali. Meta tagħmel ix-xita qed jidħol l-ilma f'dawn id-demarcation boxes u jikkawża qtugħ fid-dawl tat-toroq.

Seduta 66
05/12/2022

**IMPORTAZZJONI TA' OXIDIZERS U METALLI GĦAL UŻU TA' PIROTEKNIKA**

**4512. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista li turi kemm ġew importati oxidizers u metalli għal użu fil-piroteknika, materjal materjal, meta, minn liema pajjiż u taħt liema HS Code mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022?

28/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika l-materjali li qed jirreferi għalihom fil-Mistoqsija.

Seduta 66
05/12/2022

**IMPORTAZZJONI TA' OXIDIZERS U METALLI GĦAL UŻU TA' PIROTEKNIKA – ĊERTIFIKAZZJONI TA' KWALITÀ**

**4513. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jippreżenta kopja taċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità u/jew is-safety data sheets li ġew ippreżentati fl-importazzjoni ta' oxidizers u metalli għal użu fil-piroteknika, materjal b'materjal, mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Ottubru

2022, u/jew verifika u/jew konferma li dawn ġew ippreżentati f'kull istanza ta' importazzjoni tal-imsemmija materjali fil-perjodu msemmi? Jista', għal kull instanza ta' importazzjoni tal-imsemmija materjali fil-perjodu msemmi, jindika kif ġew ivverifikati s-Safety Data Sheets?

28/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4512.

Seduta 66
05/12/2022

**IMPORTAZZJONI TA' OXIDIZERS U METALLI GĦAL UŻU TA' PIROTEKNIKA – PROĊESS TA' VERIFIKAZZJONI**

**4514. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess u l-frekwenza sabiex jiġi vverifikat li l-oxidizers u metalli għal użu fil-piroteknika importati jikkorispondu fil-kompożizzjoni u l-kwalità mad-dokumentazzjoni ppreżentata waqt l-importazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4512.

Seduta 66
05/12/2022

**PERSONS OF TRUST**

**4515. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persons of trust fl-uffiċċju tiegħu u taħt kull Ministeru, min huma u x'inhu s-salarju tagħhom?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 184.

Seduta 66
05/12/2022

**PERSONS OF TRUST - DEKASTERU LI JAQA' TAĦT L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**4516. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persons of trust affiljati ma' istituzzjonijiet, awtoritajiet u entitajiet li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tiegħu u kemm qed jitħallsu kull sena?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma hemmx persons of trustaffiljati ma' istituzzjonijiet, awtoritajiet u entitajiet li huma parti mid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 66
05/12/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA - PARKEĠĠ**

**4526. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għalfejn il-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra għadu mhux miftuħ għall-użu tal-pubbliku?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferih għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2538, ninfurmah ukoll li ser jiġi ffirmat ftehim fit-12 ta' Diċembru.

*(Informazzjoni Addizzjonali: Ara Dokument PL 1027 li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 68, nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022)*

Seduta 66
05/12/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA - PARKEĠĠ**

**4527. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk hemmx jew kienx hemm diffikultajiet dwar aċċessibbilta u ingress ta' ilma fil-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra li għadu mhux miftuħ għall-użu tal-pubbliku? Jekk iva, jista' l-Ministru jagħti iktar tagħrif dwar dawn iż-żewġ materji?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4526.

Seduta 66
05/12/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA – COMPLIANCE CERTIFICATES**

**4528. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk inħarġux il-compliance certificates kollha relatati mal-Iskola Primarja tal-Qawra u l-parkeġġ tal-istess skola? Jekk dawn il-compliance certificates ma nħarġux kollha, liema huma dawk li għad iridu jinħarġu u fiex wasal il-proċess għal kull każ?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4526.

*(Informazzjoni Addizzjonali: Ara Dokument PL 1027 li tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 68, nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022)*

Seduta 66
05/12/2022

**QAWRA – SKOLA PRIMARJA - PARKEĠĠ**

**4529. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta hi d-data l-ġdida li fiha l-parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra se jkun miftuħ għall-pubbliku?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4526.

Seduta 66
05/12/2022

**GENDER DOMESTIC VIOLENCE UNIT - RAPPORTI**

**4530. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza:

Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' vjolenza domestika fil-Gender Domestic Violence Unit minn Jannar sa Ottubru 2022? Minn liema lokalitajiet kienu l-vittmi li daħħlu dawn ir-rapporti? Kemm minn dawn ir-rapporti kienu rapportati iktar minn darba mill-istess vittma? Kemm minn dawn ir-rapporti talbu biex il-każ tagħhom jipproċedi quddiem il-Qorti? Kemm minn dawn ir-rapporti talbu għal għajnuna immedjata biex jiġu protetti u x'tip ta' protezzjoni ngħatat? Kemm minn dawn ir-rapporti talbu għal shelter?
28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi minn Jannar sa Ottubru 2022, fil-Gender Domestic Violence Unit daħlu elf, erba' mija u erbatax (1414) ir-rapport ta' vjolenza domestika li kienu jinvolvu elf, ħames mija u u sitta u sebgħin (1576) persuna. Minnhom elf, mija u dsatax (1119) kienu nisa u erbgħa mija u sebgħa u ħamsin (457) irġiel. Filwaqt li ma teżistix informazzjoni elettronika tal-lokalitajiet minn fejn kienu l-vittmi li għamlu dawn ir-rapporti, irid jingħad illi dawn l-abbużi saru fil-lokalitajiet li jidhru fil-lista riprodotta hawn taħt. Kien hemm mija u disa' u disgħin (199) persuna li huma indikati bħala vittmi f'aktar minn rapport wieħed. Minn dawn mija u tmienja u erbgħin (148) kienu nisa u wieħed u ħamsin (51) irġiel. F'kull każ fejn wara rapport ta' vjolenza domestika jirriżulta li hemm evidenza tar-reat irrapurtat, dejjem jittieħdu proċeduri fil-Qorti mill-pulizija, peress li dawn iridu jittieħdu 'ex officio' skont il-liġi nazzjonali, u mhux bl-għażla tal-vittma. Min naħa tal-pulizija, l-għajnuna kollha li hija fil-kompetenza tagħha tingħata, u din tinkludi l-prosekuzzjoni tal-aggressuri fil-qrati wara l-konkluzzjoni tal-investigazzjonijiet u fejn meħtieġ dawn anke jittressqu b'arrest. Kien hemm sittax (16)-il persuni illi waqt li kienu jirraportaw il-każ tagħhom fil-Gender Domestic Violence Unit, talbu għal-xelter. Minnhom erbatax (14) kienu nisa u tnejn (2) kienu rġiel.

| **Lokalita** | **Ammont** |
|---|---|
| ATTARD | 28 |
| BALZAN | 6 |
| BIRGU | 10 |
| BIRKIRKARA | 60 |
| BIRZEBBUGIA | 56 |
| BORMLA | 35 |
| DINGLI | 5 |
| FGURA | 46 |
| FLORIANA | 14 |
| GHAJNSIELEM - GHAWDEX | 2 |
| GHARGHUR | 18 |
| GHAXAQ | 24 |
| GUDJA | 12 |
| GZIRA | 27 |
| HAMRUN | 40 |
| IKLIN | 5 |
| ISLA | 18 |
| KALKARA | 10 |
| KIRKOP | 18 |
| LIJA | 5 |
| LUQA | 30 |
| MARSA | 22 |
| MARSASKALA | 46 |
| MARSAXLOKK | 6 |
| MDINA | 1 |
| MELLIEHA | 29 |
| MGARR | 14 |
| MOSTA | 41 |
| MQABBA | 5 |
| MSIDA | 27 |
| MTARFA | 1 |
| NAXXAR | 47 |
| PAOLA | 38 |
| PEMBROKE | 10 |
| PIETA' | 16 |
| QALA - GHAWDEX | 1 |
| QORMI | 57 |

| | |
|---|---|
| QRENDI | 9 |
| RABAT | 28 |
| RABAT - GHAWDEX | 1 |
| SAFI | 7 |
| SAN GILJAN | 38 |
| SAN GWANN | 26 |
| SAN PAWL IL-BAHAR | 88 |
| SANNAT - GHAWDEX | 1 |
| SANTA LUCIJA | 6 |
| SANTA VENERA | 39 |
| SIGGIEWI | 31 |
| SLIEMA | 25 |
| SWIEQI | 14 |
| TA' XBIEX | 6 |
| TARXIEN | 26 |
| VALLETTA | 35 |
| XGHAJRA | 12 |
| ZABBAR | 52 |
| ZEBBUG | 54 |
| ZEBBUG - GHAWDEX | 1 |
| ZEJTUN | 59 |
| ZURRIEQ | 25 |
| N/A | 1 |
| **Total** | **1414** |

Seduta 66
05/12/2022

**KUMITAT PARLAMENTARI GĦAD-DIJABETE**

**4541. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn il-Gvern irrifjuta li f'din il-leġiżlatura fil-Parlament jitwaqqaf il-Kumitat Parlamentari għad-Dijabete bħalma kien hemm fil-leġiżlatura preċedenti meta f'pajjiżna hemm madwar 10% tal-popolazzjoni bil-kundizzjoni tad-Dijabete, jiġifieri madwar 50,000 persuna?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Parlament Malti diġà għandu Kumitat Permanenti għas-Saħħa li għandu l-*vires*li jittratta s-suġġett li semmiet hi.

Seduta 66
05/12/2022

**NUQQAS TA' PROTEZZJONI TA' PERSUNA**

**4542. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli għan-nuqqas ta' protezzjoni tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament li wassal biex inqatlet?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra numru 943 fis-Seduta Numru 60 tat-23 ta' Novembru 2022.

Seduta 66
05/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4543. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO encourages the Maltese authorities to address at the policy level the significant barriers and difficulties encountered by victims who are in Gozo in the area of protection and support, as well as investigation and prosecution. GREVIO further strongly encourages the Maltese authorities to ensure that the Interministerial Committee holds regular consultations with civil society and that, more generally, the Maltese authorities support co-operation with all non-governmental actors and ensure their participation in the design of policies, legislative changes and programmes", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Gvern Malti jirrikonoxxi d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-vittmi li jgħixu f'Għawdex. Infurmat li minbarra s-servizzi ġeneriċi li jipprovdu l-Ministeru għal Għawdex permezz tas-Social Work Unit, l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità fetħet uffiċju f'Għawdex sabiex tassigura li l-Għawdxin li jisfaw vittma tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika jkunu jistgħu jaċċessaw s-sapport wiċċ'imb'wiċċ li joffru l-aġenzija. Matul l-2021, il-professjonisti fil-fergħa Għawdxija tal-FSWS irċivew taħriġ fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, inkluż taħriġ fuq l-għodda għall-assessjar ta' riskju bl-isem ta' DASH Risk Assessment Tool. Dawn il-professjonisti jikkollaboraw mad-Domestic Violence Unit fuq konsultazzjoni u riferimenti skont il-ħtiġijiet tal-vittma u viċi-versa. Ġewwa Għawdex hemm ukoll servizz t'emerġenza ta' ħidma soċjali għal barra l-ħinijiet tax-xogħol. Il-professjonisti li jaħdmu fis-servizzi Għawdxin għandhom relazzjoni ta' ħidma b'saħħitha mal-Pulizija t'Għawdex. Hemm ukoll servizzi ta' ħidma soċjali fil-qasam tas-saħħa li jaħdmu fil-qrib ma' ħaddiema soċjali oħrajn.

Ta' kull xahar, il-Kummissjoni issejjaħ laqgħa għall-membri tal-kumitat interministerjali. Kull kwart tas-sena, entitajiet non-governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika jiġu mistiedna għal din il-laqgħa, fejn il-parteċipanti kollha jkollhom l-opportunità sabiex iressqu punti saljenti għad-diskussjoni. Fl-2022 ġew organizzani tlieta minn dawn il-laqgħat bejn il-membri tal-kumitat interministerjali u l-entitajiet non-governattivi. Il-Kummissjoni wkoll taħdem fil-qrib ma' professjonisti minn entitajiet non-governattivi sabiex tiddisinja u twassal taħriġ, b'rikonoxximent għall-għarfien esperjenzali tagħhom u l-valur ta' dan l-għarfien li jista' jitwassal għand il-professjonisti li jattendu it-taħriġ.

Seduta 66
05/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4544. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO strongly encourages the Maltese authorities to put in place a dedicated, transparent and accountable public procedure under which all NGOs that provide specialist support services to victims of all forms of violence against women and their children can compete for and request sustainable and long-term funding. Such procedure should place due emphasis on their experience and track record in providing such services. GREVIO further strongly encourages the Maltese authorities to remove mandatory referrals from Agenzija Appogg to access domestic violence shelters, including by offering women victims of domestic violence the possibility to self-refer.", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm diversi ftehimiet minn NGOs f'Malta u Għawdex li għandhom Public Social Partnership (PSPs) mal-Ministeru tal-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal li jindirizzaw direttament jew indirettament vjolenza domestika jew tipi oħra ta' vjolenza. Dawn joffru servizzi varji bħal xelters għal min hu vittma ta' vjolenza domestika u għal min m'għandux saqaf fuq rasu għax jispiċċaw vittmi ta' xi tip ta' vjolenza oħra. Dawn joffru servizzi terapewtiċi u pariri professjonali lilhom u anke lil dawk li b'xi mod ikunu vittmi ta' abbuż/attakk sesswali. Dawn l-NGOs jieħdu fondi pubbliċi permezz ta' ftehimiet ma' l-istess Ministeru. Ma dawn l-NGO's issir ħidma wkoll minn entitajiet fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza. Għal aktar informazzjoni dettaljata nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4545. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO encourages the Maltese authorities to set up separate bodies, on one hand for the co-ordination and implementation of policies and measures, and on the other hand for their monitoring and evaluation, in order to ensure objectivity. It further encourages the Maltese authorities to increase the funding available to the Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence and provide for budgets with a longer time frame than is currently the case, to enable the commission to plan its activities in a more sustainable and effective manner", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-GREVIO stabbiliet żewġ rakkomandazzjonijiet. L-ewwel rakkomandazzjoni issejjaħ għat-twaqqif ta' żewġ korpi separati wieħed (1) għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u (2) l-moniteraġġ u l-evalwazzjoni. Infurmat li l-awtoritajiet Maltin dak iz-zmien wieġbu lil GREVIO li mhuwiex rakkomandabbli li dawn iż-żewġ irwoli jiġu separati. Minnflok, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika tieħu miżuri sabiex tassigura evalwazzjoni oġġettiva tal-effettività tal-miżuri tal-politika, d-dispożizzjonijiet tas-servizzi u d-dispożizzjonijiet leġislattivi. Dan jinkludi rapporti ta' progress li jsiru kull kwart tas-sena fuq l-implimentazzjoni tat-tieni strateġija nazzjonali mingħand il-partijiet ikkonċernati (stakeholders), moniteraġġ bi-annwali fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-GREVIO mill-awtoritajiet rilevanti, rapporti annwali dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni u rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali. Matul is-sena li ġejja, il-Kummissjoni qed tippjana li tikkummissjona awditjar estern u indipendenti sabiex tevalwa l-implimentazzjoni tal-istrateġija. Barra minn hekk, il-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-ġbir tad-data qegħdin jiġu mtejba sabiex jinformaw l-iżvilupp tal-politika u d-dispożizzjonijiet tas-servizzi.
It-tieni rakkomandazzjoni tal-GREVIO ssejjaħħ għall-żieda fil-fondi disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u li jingħataw budgets li jservu għall-perjodu itwal sabiex tiġi assigurata l-effettività u s-sostenibbiltà. L-awtoritajiet Maltin imbagħad ikkommettew li jinvestu aktar fondi u riżorsi umani sabiex tissaħħaħ il-Kummissjoni. Skont l-estimi finanzjarji t'hawn taħt, il-budget għall-Kummissjoni żdied minn meta seħħet l-evalwazzjoni tal-GREVIO. Huwa tajjeb li wieħed jinnota li t-tielet stratġija nazzjonali li jmiss dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika tkopri perjodu ta' 4 sa 5 snin.

Ukoll, għall-ewwel darba f'ħafna snin, fl-2020, jiġifieri il-Kummissjoni attwali hi l-ewwel waħda illi għandu Kummissarju appuntata biex taqdi dmirijietha fuq bażi full time. Il-Kummissjoni inkwistjoni għandha wkoll premises ġodda minn fejn topera, b'impjegati u professjonisti ingaġġati full time fiha.

Seduta 66
05/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 – RAKKOMANDAZZJONI**

**4546. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO strongly encourages the Maltese authorities to ensure the comprehensive collection of disaggregated data in relation to all forms of violence covered by the Istanbul Convention at all stages of criminal justice (from reporting, to investigation, to the opening of criminal proceedings and their outcome), disaggregated by sex, age, type of violence and the relationship of the perpetrator to the victim. Such data should be co-ordinated and comparable so that cases can be tracked at all stages of the law-enforcement and judicial proceedings. To this end, GREVIO encourages the Maltese authorities to issue guidelines on data collection for the police and justice sectors. Such steps would allow the Maltese authorities to assess the effectiveness of the criminal justice system and to study the factors that lead to low prosecution and conviction rates and to take legislative and policy measures to address these",jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi min-na·a tal-Pulizija tin·amm informazzjoni fil-format ta' statistika elettronika, li fost ·afna elementi li jin·abru meta jkun sar rapport dwar kull tip ta' vjolenza f'ka·i

ta' vjolenza domestika, jinkludu wkoll, id-dettalji li huma indikati fir-rakkomandazzjoni ma' din il-mistoqsija. Dawn id-dettalji ji·u rreferuti wkoll lill-Uffi··ju Nazzjonali tal-Istatiska.

Seduta 66
05/12/2022

**SKEMA GRANT TO ASSIST OWNERS**

**4582. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jikkonferma x'inhi l-policy f'każ ta' koppja li tapplika għal Grant to Assist Owners in the Construction and/or Completion or Rehabilitaton of their First Home (rifużjoni lura tal-VAT fl-ispejjeż ta' kostruzzjoni u rijabilitazzjoni fuq l-ewwel proprjetà), fejn parti waħda mill-koppja tkun diġà sid ta' proprjetà oħra preċedenti iżda din tkun l-ewwel proprjetà tal-parti l-oħra? Huwa l-każ li f'ċirkostanzi bħal dawn, il-parti li għaliha din tkun l-ewwel proprjetà ma tkun tista' tgawdi qatt minn dan il-grant?

28/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**ENGLISH SPEAKING UNION - KUNTRATT**

**4583. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-Ministeru tiegħu għażel li jwaqqaf il-kuntratt li kien jiġġedded kull sena b'risq programmi mmirati biex studenti jtejbu l-ħiliet tagħhom ta' komunikazzjoni bl-Ingliż? Se jkun hemm programmi ġodda li jservu l-istess funzjoni?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt imsemmi ma ġġeddidx minħabba diversi raġunijiet fosthom li l-Ministeru għandu fiduċja sħiħa fl-abbiltajiet tal-għalliema kemm fit-tagħlim tal-ħiliet kollha tal-lingwa Ingliża, u kif ukoll dik mitkellma. Fil-kurrikulu dawn il-ħiliet ikunu diġà inklużi u jiġu mgħallma u pprattikati f'kull skola.

Seduta 66
05/12/2022

**CONTROLLED RESIDENTIAL LEASES**

**4584. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu ppreżentati każi sa issa quddiem il-Bord tar-Regolamenti tal-Kera minn meta daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, Att XXIV tal-2021? Kemm minn dawn kienu solvuti?

28/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-Bord li Jirregola l-Kera ma jagħmilx parti mill-Ministeru tal-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u/jew xi entità li taqa' taħt dan id-dekasteru. Għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat u biex l-informazzjoni li tingħata tkun korretta.

Seduta 66
05/12/2022

**INTERVENTI FUQ BAJJIET RAMLIN**

**4586. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar fejn hu mistenni li jsiru interventi fuq bajjiet ramlin matul is-sena 2023? F'kull każ x'inhu mistenni li jkun l-intervent li ser isir? Jista', għal kull każ, jagħti tagħrif dwar jekk hux diġà nħarġu l-permessi neċessarji għal dan ix-xogħol, u f'kull każ fejn wasal il-proċess tat-tendering għall-istess xogħol?

28/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għadha fi stadju ta' studju ta' fejn ser tagħmel interventi fil-2023.

Seduta 66
05/12/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – INGAĠĠ TA' PERSUNA**

**4589. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Eks Direttur tal-Ħabs, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, għadux jaqdi rwol jew kariga fi ħdan il-Ministeru jew entitajiet li jaqgħu taħtu? Jekk iva, x'inhuwa dan ir-rwol/kariga, u x'inhuma l-pagi, benefiċċji u perkaċċi li huwa intitolat għalihom f'dan ir-rwol/kariga?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt mitlub, li diġà ġie provdut diversi drabi fid-dominju pubbliku.

Seduta 66
05/12/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – IMPJEGATI**

**4590. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni fuq kuntratt, persuni li jaħdmu bħala position jew person of trust, u/jew persuni trasferiti/seconded/detailed fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin f'dawn l-aħħar erba' snin? Jista' jgħid ukoll x'kienu r-rwoli u l-iskali/pagi tagħhom, inklużi perkaċċi u benefiċċji oħra? Jista' jgħid kemm minn dawn ġew ingaġġati mal-Aġenzija u kemm minn dawn ġew ingaġġati b'metodi jew b'entitajiet oħra?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi hemm 13-il professjonist assenjat mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi li jingħaqdu mal-professjonisti l-oħra tal-Aġenzija. Dawn jinkludu Psychology Class employees, Social Workers, Social Welfare Professionals u Care Plan Coordinators. Infurmat ukoll li fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi preżentament ma hemmx persuni li għandhom kuntratt ta' Position/Person of Trust.

Seduta 66
05/12/2022

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI - ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**4596. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-

Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta’ riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

29/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**SIĠĠIEWI - XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI - ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**4597. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4169, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm hemm fondi allokati għall-proġett ta’ riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi?

29/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**SIĠĠIEWI – XOGĦOL TA' RESTAWR TAZ-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**4598. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4168, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jibda x-xogħol ta’ riġenerazzjoni u restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi li tħabbar f’Ġunju tas-sena l-oħra?

29/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 66
05/12/2022

**SUSSIDJI FUQ L-ENERĠIJA**

**4599. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4274 u tagħti spjegazzjoni dettaljata ta’ kif qed jintefqu l-miljuni f’sussidji fuq l-enerġija? Tista’ tagħti break down u tinkludi d-dettalji pertinenti dwar dan għas-snin 2022 u 2023?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif spjega tajjeb il-Ministru għall-Finanzi fid-Diskors tal-Budget, il-Gvern ħa deċiżjoni konxja li l-piżijiet li ġabet magħha il-gwerra fl-Ukrajna, fosthom iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u l-fuel, ma jgħaddihomx fuq il-poplu u n-negozji tagħna. Minflok għażilna li nagħtu sostenn u noffru stabbiltà sabiex nevitaw katastrofi ekonomika u soċjali. L-investiment li jeħtieġ dan is-sostenn mhuwiex żgħir imma mingħajru pajjiżna kien jispiċċa f’sitwazzjoni ferm agħar.

Fejn tidħol enerġija, pajjiżna seta’ jkompli jiggarantixxi prezzijiet stabbli tal-elettriku grazzi għall-investiment ta’ madwar 220 miljun ewro sa Ottubru. Dan l-ammont huwa wieħed proviżorju ġaladarba s-sena għadha miftuħa. Parti kbira mill-ammont tkopri ż-żieda qawwija fil-prezz tal-elettriku li jinxtara mill-interconnector. Iż-

żieda fil-prezz tal-gass kienet aktar meqjusa grazzi għall-ftehim li permezz tiegħu, sa April ta' din is-sena, konna qed nixtru l-gass bi prezz fiss. Minn April 'il quddiem, grazzi għal ftehim ġdid, il-prezz tal-gass beda jiġi indexed mal-prezz internazzjonali taż-żejt, fejn iż-żidiet huma inqas miż-żidiet fil-prezz tal-gass. L-Enemalta kellha terfa' wkoll piż ikbar sabiex tixtri l-carbon credits, fejn sal-aħħar t'Ottubru ħallset 33 miljun ewro aktar. Għas-sena dieħla, sabiex il-konsumaturi jibqgħu jgawdu minn prezzijiet stabbli, huwa stmat li l-għajnuna meħtieġa tammonta għal 440 miljun ewro.

Fil-qasam tax-xiri tal-fuels, il-Gvern ukoll ħa azzjoni deċiżiva favur il-konsumatur. Sal-lum, l-għajnuna f'dan ir-rigward tlaħħaq it-63 miljun ewro u għas-sena d-dieħla din mistennija li titla' għal madwar 90 miljun ewro.

Il-Gvern qiegħed isostni wkoll ix-xiri tal-gass LPG. L-għajnuna totali għas-sena 2022 hija stmata li se tlaħħaq is-16.3 miljun ewro, filwaqt li għas-sena d-dieħla dan is-sussidju hu mistenni jkun ta' madwar 15-il miljun ewro.

F'dan l-istadju l-istimi kkowtati għas-sena d-dieħla huma bbażati fuq ix-xejriet tas-suq u jibqgħu dejjem suġġetti għal bidliet. F'dan il-kuntest, il-Gvern għażel it-triq tal-istabilita u qiegħed jalloka 580 miljun ewro li, fid-dawl tal-inċertezzi li jeżistu, taħseb ukoll għal ċerta kontinġenza.

Seduta 66
05/12/2022

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**4608. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2054, 3730, 4034 u 4251 u jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

29/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfroma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra

Seduta 66
05/12/2022

**IL-MOSTA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA - FTUĦ TA' KLINIĊI JEW SPAZJI ĠODDA**

**4609. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4029, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk infetħux kliniċi ġodda jew spazji ġodda biex jifilħu dan l-influss ta' pazjenti fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta li qabel ma kinux jużaw dan iċ-Ċentru?

29/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-għeluq temporanju taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara sar bi pjan ħolistiku. Is-Servizz tal-Flebotomija qed jingħata kuljum minn Klinika tal-Primary HealthCare f'B'Kara u s-servizz tal-Podjatrija għadu jingħata miċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-Podjatrija li jinsab f'B'Kara. Iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta qiegħed jipprovdi biss is-servizz ta' tabib għar-residenti li kienu jinqdew miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' B'kara.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX – RABAT – RIĠENERAZZJONI TA' TOROQ**

**4624. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'toroq hemm ippjanati li jiġu riġenerati fir-Rabat, Għawdex matul is-sena 2023?

29/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li beda x-xogħol fuq Triq Ġużeppi Spiteri u dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq Triq ta' Wara s-Sur. Aktar 'il quddiem se nkun qed inħabbar aktar xogħlijiet f'numru ta' toroq oħra fir- Rabat, Għawdex.

Seduta 66
05/12/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI GĦAWDXIN B'DIŻABILITÀ**

**4625. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3785 u 4132, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk il-fondi se jingħataw lil dawk l-isportivi Għawdxin b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fl-iSpecial Olympics?

29/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fondi kollha li jingħataw minn Special Olympics jibbenefikaw minnhom l-atleti b'mod ekwu bla ebda distinzjoni bejn Maltin u Għawdxin.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX – GĦOTI TA' FONDI GĦAL DIVERSI PROGRAMMI**

**4626. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4381, u jgħid kemm hu l-persentaġġ ta' fondi miksubin minn Għawdex taħt dawn il-programmi:
- Programm ta' Koeżjoni;
- ERDF;
- ESF;
- Agrikoltura; u
- Sajd?
Jista' jelenka dawn il-proġetti taħt il-programm rispettiv?

29/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika hux qed jirreferi għall-programm li qegħdin fih jew għal programm il-ġdid.

Seduta 66
05/12/2022

**ITTRA MIBGĦUTA MILL-ORGANIZZAZZJONI GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

**4627. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid irċeviex ittra mibgħuta lilu ffirmata minn 18-il organizzazzjoni li għandhom għal qalbhom il-ħarsien tal-annimali u jekk iva, għaliex dawn għadhom lanqas biss ingħataw rikonoxximent li din waslet għandu?

29/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li din l-ittra ma waslitx fl-uffiċċju tiegħi. Ninfurmak li fid-dawl ta' dan sar kuntatt mill-uffiċċju tiegħi mal-persuna li kkordinat l-ittra.

Seduta 66
05/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – PROBLEMA TA' INTEJJEN MINN FDALIJIET TA' ĦUT**

**4628. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tindika kif se tissolva l-problema ta' ntejjen f'Birżebbuġa li kemm l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kif ukoll il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) taw indikazzjoni li kienet ġejja minn fdalijiet ta'

ħut li nstabu? Tista' tispjega kif anke wara li intervjenew dawn iż-żewġ entitajiet hawn diġà msemmija (ERA u WSC), xorta waħda sal-lum stess, 29 ta' November 2022, din ir-riħa insapportabbli għadha qed tinxtamm?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kompliet tagħmel spezzjonijiet fl-akkwati ta' Birżebbuġa u Ħal Far anke wara li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għamlet l-interventi li rreferejt għalihom fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 4345.

Min-naħa tagħha l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħadet il-passi neċessarji biex ma jiġix mormi skariku mill-impjant imsemmi fis-sistema li tgħaddi minn Birżebbuġa. Minkejja dan, għadu għaddej xogħol ta' tindif u tiswijiet fin-network.

Seduta 66
05/12/2022

**STATISTIKA DWAR ĦLAS TA' KONTIJIET TAD-DAWL U TAL-ILMA**

**4629. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4315, nispeċifika li bil-kelma "kontijiet" kont qed nifhem Accounts (meters) differenti u mhux kull invoice li tinħareġ kull xahrejn. Fi kliem sempliċi, tista' l-Ministru tagħti informazzjoni li turi kemm hemm numru ta' Residenzi, Meters Domestiċi, u Meters Industrijali, li l-konsum tagħhom annwali jaqa' f'kull waħda mill-brackets, u l-brackets ikunu skalati għal kull €500 sakemm jibqa' jagħmel sens?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**SANNAT GĦAWDEX – TRIQ IL-PARANJI – RIĠENERAZZJONI**

**4630. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li tiġi riġenerata Triq il-Paranji, Sannat Għawdex?

29/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-triq hija fil-pjan tal-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 66
05/12/2022

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – IMPJEGATI**

**4633. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu impjegati jaħdmu fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali? Jista' jgħid ukoll f'liema tip ta' rwol dawn jaħdmu?

30/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' impjegati li jaħdmu fid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali huwa ta' 45 li jinkudu li rwol ta' Direttur, Assitent Direttur, Senior Manager, Maniġer 1, Assistent Maniġer, Skrivan, Uffiċjal RSSL, Uffiċjal ERL, Labourer, Senior Operative, Uffiċjal għall-ħarsien ta' l-annimali, Nursing aid, Uffiċjal ERL, Senior Operative, Senior Clerk, Veterinarju,

VSO (Uffiċjal ta' appoġġ għall-veterinarju), AVSO (Assistent Uffiċjal ta' appoġġ għall- veterinarju), Uffiċjal ERL, Senior operative, Carer (Ħaddiem tal-komunita') u Labourer.

Seduta 66
05/12/2022

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – GĦAMMIERI – ANNIMALI TAĦT KENN**

**4634. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm annimali bħalissa li qed jingħataw kenn ġewwa l-Għammieri taħt id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali? Jista' jgħid x'inhuma dawn l-annimali?

30/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm madwar 150 qattus u 55 kelb li qed jingħataw kenn ġewwa l-Għammieri taħt il-kura tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 66
05/12/2022

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – ANNIMALI ADDOTTATI**

**4635. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, kemm saru adozzjonijiet ta' annimali mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali u x' kienu dawn l-annimali għal dawn l-aħħar 3 snin?

30/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**ANNIMALI RIKOVERATI FL-ISPTAR TAL-ANNIMALI**

**4636. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm annimali bħalissa li huma rikoverati ġewwa l-isptar tal-annimali?

30/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 4 annimali li huma taħt il-kustodju tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li qed jiġu rikoverati fl-isptar APH.

Seduta 66
05/12/2022

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV**

**4638. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħarġitx vacancy għall-irwol ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), wara li tħabbar li l-Eks Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorità, li ismu qed jintbagħat separatament, m'għadux jokkupa l-kariga?

30/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022

**HOME HELP – PERFORMANCE AUDIT REPORT – SERVIZZI LIL UFFIĊINI TAL-GVERN U NGO**

**4673. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Peress illi s-servizz tal-Home Help huwa intiż biex iżid l-indipendenza tal-anzjani fil-komunità u dan is-servizz jingħata fid-djar tal-anzjani fejn jirrisjedu l-anzjani, jista' l-Ministru jispjega kif intefqu nofs miljun Euro mill-1.6 miljun Euro li ntefqu fuq dan is-servizz għas-sena 2021 sabiex jingħata servizz ta' Home Help fl-uffiċini tal-Gvern ġewwa Għawdex u wkoll f'uffiċċju ta' NGO partikolari, u dan skont kif jirriżulta mill-Performance Audit Report li ħareġ l-Awditur Ġenerali f'Novembru 2022? Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm helpers li taw dan is-servizz fl-uffiċini tal-Gvern u fl-uffiċċju tal-NGO u jgħid ukoll f'liema uffiċċji ngħata dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-helpers kienu tal-kuntrattur u kemm minnhom kienu social assistants ingaġġati mal-Ministeru għal Għawdex?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-rapport tal-NAO jikkonkludi bl-aktar mod ċar u kategoriku li, u qed nikkwota "there is no doubt that, in general, the public money expended by MGOZ contributed positively to the welfare of elderly persons living within the community or in residential care homes in Gozo. This statement implies that MGOZ has set up the foundations for expanding its services to an increasingly ageing population in terms of broadening the scope of services and improving on the quality of their delivery."

Ninforma lill-Onor. Interpellanta wkoll li infurmat li l-NGO msemmija fejn qed jingħata s-servizz tal-Homehelp hija l-Inspire li tagħmel bosta ġid ma' tfal u persuni b'diżabiltà kif ukoll fl-istess operat tal-Homehelp.

Dan is-servizz ilu jingħata lil din mis-sena 2001 meta twaqqfet f'Għawdex, jigiferi, introduċieh il-Partit Nazzjonalista meta kien fil-gvern b'Ministru Nazzjonalista.

Filwaqt li l-Gvern preżenti ma ħassx li jwaqqaf dan is-servizz, il-Ministeru huwa kommess li jkompli jtejjeb l-operat tad-dipartiment responsabbli.

Seduta 66
05/12/2022

**HOME HELP – PERFORMANCE AUDIT REPORT – SIGĦAT ALLOKATI**

**4674. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jispjega kif fis-sena 2021 kien hemm diskrepanza ta' 42,869 siegħa bejn is-sigħat allokati għas-servizz tal-Home Help ġewwa Għawdex u s-sigħat li verament ġew mogħtija u utilizzati mill-anzjani li kienu eleġibbli għal dan is-servizz, u dan skont kif jirriżulta mill-Performance Audit Report maħruġ mill-Awditur Ġenerali f'Novembru 2022?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-social assistants kollha jaħdmu fil-qasam tal-anzjani u nies b'diżabiltà.

Seduta 66
05/12/2022

**HOME HELP – PERFORMANCE AUDIT REPORT – PASSI KONTRA L-ABBUŻ**

**4675. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'passi se jieħu sabiex jara min kien qiegħed japprova li jingħata servizz ta' Home Help fl-uffiċċji tal-Gvern ġewwa Għawdex kif ukoll fl-uffiċċju ta' NGO partikolari u wkoll talli l-istess servizz ma kienx qed jingħata lil

min verament kellu bżonnu, u dan skont kif jirriżulta mill-Performance Audit Report maħruġ mill-Awditur Ġenerali f'Novembru 2022? Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu kontra dan l-abbuż?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għar-risposti mogħtija fil-mistoqsijiet parlamentari numri 4673 u 4674.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX - HOME HELP – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**4676. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni jistennew sabiex jingħataw is-servizz tal-Home Help f'Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti u kemm idumu sabiex jiġu pproċessati dawn l-applikazzjonijiet?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellanta li f'dawn l-aħħar xhur kien hawn nuqqas ta' infermiera li jagħmel l-assessjar. Il-Ministeru għal Għawdex, riċentament ingaġġa infermier ieħor u l-assessjar ta' anzjani li applikaw għas-servizz tal-Homehelp beda jsir fuq bażi regolari.

Seduta 66
05/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KUNTRATTI MA' HOTEL**

**4677. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kull kuntratt jew kull kuntratt eżistenti li l-Ministeru tiegħu kellu u/jew għandu mal-operaturi tal-Hotel, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ġewwa r-Rabat Għawdex? Jista' jgħid jekk il-kuntratt jew kuntratti ingħatawx b'direct order? Jista' jgħid ukoll kemm kien il-valur ta' kull kuntratt?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 13581.

Seduta 66
05/12/2022

**GĦAWDEX – DAR SAN ĠUŻEPP – SPEJJEŻ**

**4678. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu flus sa issa fuq Dar San Ġużepp, li dan il-Gvern ilu jwiegħed mis-sena 2013? Jista' jagħti rendikont tal-ispejjeż kollha li saru sa issa?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għar-risposti mogħtija fil-mistoqsijiet parlamentari numri 15524 u 6085.

Seduta 66
05/12/2022

**SKEJJAL TAL-GVERN – LABORATORY TECHNICIANS – PROMOZZJONIJIET**

**4706. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx diskussjonijiet biex il-Laboratory Technicians ġewwa l-iskejjel tal-Gvern jingħataw il-promotions ta' ATO, TO, STO U PTO? Jekk iva, fiex waslu dawn id-diskussjonijiet?

01/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 66
05/12/2022